22005D0129

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 129/2005

tat-30 ta' Settembru 2005

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 90/2004 tat-8 ta' Ġunju 2004 ([1]).

(2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi d-Deċiżjoni Nru 456/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-Komunità biex il-kontenut diġitali fl-Ewropa jsir iżjed aċċessibbli u jkun jista' jiġi użat u sfruttat aktar ([2]).

(3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li sseħħ din il-kooperazzjoni estiża b'effett mill-1 ta' Jannar 2005,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-daħla li ġejja għandha tiġi miżjuda fl-Artikolu 2(5) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim:

"— **32005 D 0456**: Deċiżjoni Nru 456/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' marzu 2005 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-Komunità biex il-kontenut diġitali fl-Ewropa jsir iżjed aċċessibbli u jkun jista' jiġi użat u sfruttat aktar (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 1).".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ([*]).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2005.

([1]) ĠU L 349, 25.11.2004, p. 52.

([2]) ĠU L 79, 24.3.2005, p. 1.

([*]) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' Settembru 2005.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
HSH Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN